MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 572/2002

**Avviz numru 572/02DM**

**SMS Insurance Agency Ltd agent tas-socjeta estera Ecclesiastical Insurance Office plc, kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Paul Tabone u l-istess Paul Tabone.**

**Vs**

**Alan Cutajar**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta attrici talbet il-kundanna tal- konvenut, sabiex ihallas is-somma ta' elfejn sitt mija u wiehed u ghoxrin liri maltin u erbghin centezmi (Lm2,621.40) rappresentanti danni kagunati minnu f'incident awtomobilistiku tad-9 ta' April, 2002 fi Triq il-Pitkali, Attard, bejn il-vettura numru RCF001 misjuqa

minnu u l-vettura numru APR022 misjuqa minn u propjeta' ta' Paul Tabone. Fl-istess incident kienet ukoll involuta l-vettura numru ta' registrazzjoni KAL224. Liema incident gara unikament tort tieghu, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.
Bl-ispejjez komprizi ghaxar liri u hamsin centezmu (Lm10.50) ta' l-ittra ufficjali datata 14 ta' Gunju, 2002, l-ittra ufficjali prezentata kontra l-assikurazzjoni tieghu kontestwalment ma' dan l-Avviz u bl-imghax kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal- konvenut fejn eccepixxa illi:

1. It-talbiet attrici fil-konfront tal-eccipjenti Alan Cutajar huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu, billi l-kollizjoni in kwistjoni ma saritx b'tort ta' Alan Cutajar pero' b'tort ta' Paul Tabone sewwieq tal-vettura numru APR 022 u dan kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk l-eccipjenti Alan Cutajar m'huwiex responsabbli ghall-ebda hlas ta' danni ;
2. Fi kwalunkwe kas u minghajr pregudizzju ghal dak hawn fuq premess id-danni reklamati huma esagerati ;
3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tat-12 ta' Mejju 2004 fejn id-difensur tas-socjeta attrici ddikjara illi d-danni totali jammontaw ghal Lm2,546.40 u l-konvenut kif assistit iddikjara li mhux qed jikkontesta dan il-quantum.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi kemm l-attur Paul Tabone kie ukoll il-konvenut Alan Cutajar ma jikkontestawx il-fatt illi l-kollizjoni grat go Pitkali Road, H’Attard, meta l-konvenut dahal fuq wara tal-vettura tal-attur li minn naha taghha spiccat mahbuta ma’ karozza pparkjata iktar il-quddiem.

Hadd mis-sewwieqa ma jikkontesta l-‘sketch’ li gie maghmul minn PS 1393 Charles Azzopardi u li jinsab esebit a fol. 13 tal-process u lanqas ma jikkontestaw il-verzjoni ta’ xulxin li tirrigwarda illi l-attur Paul Tabone kien hareg minn Triq Vassalli  u li kienet fuq in-naha tax-xellug tal-karozza misjuqa mill-konvenut, u li kienet tinsab tmien (8) metri l-boghod mill-post fejn spicca wara tal-vettura tal-konvenut.

Lanqas ma gie kkontestat illi l-vettura tal-konvenut halliet erbatax punt sebgha (14.7) sinjali ta’ ‘break’ u li l-vettura ta’ l-attur, bid-daqqa li qalghat fuq wara, spiccat dsatax punt erba’ (19.4) metri l-boghod minn quddiem tal-vettura tal-konvenut u mahbuta ma’ vettura pparkjata fuq ix-xellug taghha.

Fejn ma jaqblux il-kontendenti huwa dwar ta’ min kienet ir-responsabbilita’, jekk kienetx tal-konvenut li ma kienx attent bizzejjed biex induna illi l-vettura tal-attur kienet diga’ hadet postha quddiemu fit-triq principali, jew kienx it-tort ta’ l-istess attur illi hareg minn triq sekondarja ghal go triq principali minghajr id-debita kawtela u esplorazzjoni sew tat-triq principali, biex b’hekk ostakola l-karregjata tal-konvenut u kien hu l-kawza tal-kollizjoni.

Ghalhekk biex wiehed jista’ jiddetermina ta’ min setghet kienet ir-responsabbilita’, wiehed irid jaghmel referenza ghal dak li xehedu x-xhieda ndipendenti u ghac-cirkostanzi l-ohra kollha tal-kaz senjatament it-tul ta’ ‘brake marks’ imholli mill-vettura tal-konvenut u d-distanza li fiha spiccat il-vettura tal-konvenut il-boghod minn Triq Vassalli, minn fejn hareg l-attur.

Kemm mid-deposizzjoni tal-attur kif ukoll mix-xhieda minnu prodotti jirrizulta li Triq Pitkali hija triq ghad-dritt u fit-tul u toffri viswali sew ghal min ikun irid johrog mit-triq sekondarja Victor Vassalli biex jidhol fit-triq principali Pitakali Road.

Kemm l-attur kif ukoll ix-xhud minnu prodott Saviour Debattista jaffermaw illi l-attur Paul Tabone, qabel ma hareg fit-triq principali waqaf fuq l-'stop sign' li tobbligah jieqaf  u jesplora u illi fil-fatt Paul Tabone esplora t-triq principali ghal xi traffiku li evidentement seta' kien gej minn fuq il-lemin tieghu, ma raw lil hadd, hargu fit-triq principali u meta kienu pprocedew ghal tmien (8) metri oltre t-tul tal-vettura tal-konvenut ta' xi hames metri ohra, huma ntlaqtu minn wara mill-vettura misjuqa mill-konvenut.

Billi ghalhekk mid-depozizzjoni ta' l-attur u l-passiggier mieghu jirrizulta illi huwa kif telaq minn Triq Vassalli b'ebda mod ma rega waqaf, anzi fil-fatt accellera ghaliex isosstni li kien ghaddej b'velocita' ta' circa hamsa u tletin (35) kilometru, jirrizulta illi, sa minn ftit mumenti qabel ma saret il-habta, z-zewg vetturi kienu qed jinsaqu fl-istess direzzjoni b'dik ta' l-attur tiehu l-pozizzjoni taghha quddiem dik tal-konvenut ghal tul biss ta' tmien (8) metri u bil-vettura tal-konvenut miexja b'velocita' ikbar minn dik ta' l-attur ghaliex fil-fatt mhux biss lahqet lil dik ta' l-attur izda habtet maghha.

Billi l-'brake marks' imhollijin mill-vettura tal-konvenut kienu twal erbatax-il metru (14m), jirrizulta illi l-konvenut kien gie sorpriz bil-prezenza tal-attur hiereg minn Triq Vassalli sitt (6) metri biss qabel ma lahaq il-kantuniera tax-xellug ta' Triq Vassalli, ghalhekk jekk wiehed jiehu wiesa' medja tat-triq ta' tmintax (18) il-pied jidher illi l-konvenut gie sorpriz bil-prezenza tal-vettura tal-attur ezatt kif wasal fil-punt fejn tizbokka Triq Vassalli ghal fuq il-karreggjata tieghu.

Dawn il-fatturi kif ukoll id-distanza qasira li fiha lahaq mexa l-attur fi Triq Pitkali qabel ma ntaqat jindikaw illi bilfors meta l-istess attur gie biex jisbokka ghal go triq

principali l-konvenut kien fil-vicinanzi jekk mhux ghad-dirittura digia'fuq l-attur tant illi bid-differenza fil-velocita' il-konvenut lahaq lill-attur f'distanza ta' inqas minn tmien (8) metri meta l-attur kien qed jaccellera tant li fi 8 metri tella velocita' ta 35 k.f.s..

Dan kollu jindika illi meta l-attur hareg mit-triq sekondarja biex jidhol fit-triq principali, huwa ma ha ebda prekawzjoni u lanqas ma jesplora t-triq principali billi kieku saret l-esplorazzjoni debita huwa bilfors kellu jinduna bil-prezenza tal-konvenut gej minn fuq in-naha tal-lemin tieghu f'Triq Pitkali li toffri viswali ghat-tul.

Dan in-nuqqas ta' esplorazzjoni jghabbi lill-attur bir-responsabbilita' esklussiva ghall-incident billi ma jirrizulta xejn fis-sewqan tal-konvenut li jista' jimputa lilu xi nuqqas.

Il-fatt illi vettura hierga minn triq sekondarja tkun lahqet bdiet tipprocedi ghad-dritt fit-triq principali ma joffri ebda skuzanti jekk il-manuvra maghmula tkun xorta wahda pprovdiet ostakolu insuperabbli lil min ikun qed juza t-triq principali.

F'dan il-kaz il-fatt li f'distanza ta' tmien (8) metri l-attur tella' velocita' ta' madwar hamsa u tletin (35) kilometru fis-siegha juri illi l-attur, kif sbokka, kien ippreokkupat sew bil-vicinanza tal-konvenut, u ghalkemm ma kkommettiex zball ulterjuri u ma tlajjax fit-triq principali xorta wahda pprovda ostakolo insuperabbli illi wassal ghall-kollizzjoni.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tiddikjara illi kien l-attur Paul Tabone illi ghandu jitqies unikament responsabbli ghall-kollizzjoni in kwistjoni u ghaldaqstant qieghda tichad it-talbiet attrici;

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------